2023/2400

9.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 118/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2400]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1296 tal-4 ta' Awwissu 2021 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ippjanar u l-ġestjoni tal-fuel/tal-enerġija u fir-rigward tar-rekwiżiti dwar programmi ta' appoġġ u ta' valutazzjoni psikoloġika tal-ekwipaġġ tat-titjira, kif ukoll dwar l-ittestjar għas-sustanzi psikoattivi ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66nf (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"— **32021 R 1296**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1296 tal-4 ta' Awwissu 2021 (ĠU L 282, 5.8.2021, p. 5)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1296 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 114/2023 tat-28 ta' April 2023 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

([1]) ĠU L 282, 5.8.2021, p. 5.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) ĠU L, 2023/..., 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/2023/.../oj